# San Tumas T'Akwinu

*Diskors li sar fil-Knisja ta' l-Università nhar is-7 ta' Marzu, 1947*

MA kinux biss il-għanneja tal-qedem li, imqanqlin minn taħbitiet il-qalb, xebbhu ħajjet il-bniedem ma' mixja twila jew qasira, lejn belt, ħsieb u tama ma' tul it-triq kollha; dan għamluh ukoll il-għorrief ta' kull żmien, mixgħulin minn ħsebijiet kbar, u saħansitra fissru Ruħ il-Qodos, meta b'fomm l-Appostlu Missierna qalilna li fuq l-art ma għandniex belt dejjiema, u għalhekk jeħtieġ li nfittxu belt oħra li l-bennej tagħha huwa Alla nnifsu (1).

Tmiem mixjitna, il-belt li fiha għandna nidħlu u nistrieħu, għarrafhulna Sidna Ġesù Kristu, Alla Bin Alla, Dawl minn Dawl, meta minn fuq għoljiet Sijon, b'dija akbar minn dik li biha kien imdawwar Mosè hu u nieżel minn fuq is-Sina, b'għerf li jisboq bil-bosta għerf Salamun, għallem li f'kollox u qabel kollox għandna nfittxu 'l Alla, ħalli miegħu ningħaqdu, għaliex xejn ma jiswa lill-bniedem jekk jirbaħ id-dinja kollha, u mbagħad jitlef ruħu (2).

Madankollu bosta bnedmin igħaddu jiem u snin sħaħ, jekk mhux ukoll għomorhom kollu, bla ma jagħirfu għal fejn qegħdin igħixu, bla ma jilmħu għan ħajjithom, dik il-ħajja li hija wisq ogħla mill-fidda, wisq aqwa mid-deheb. Bosta bnedmin jieqfu f'nofs ta' triq, jintilfu wara tlellix li fi bluhithom jaħsbu deheb, u għajnejhom jingħalqu għad-dawl li għandu jdawwalhom mit-tfulija għaż-żogħżija, miż-żogħżija għar-rġulija, u mir-rġulija għax-xjuħija.

Biex ireġġa' lil dawn in-nies fi triq is-sewwa u l-ħajja, Alla, li mix-xejn ħareġ il-ħajja u mit-tajn kiesaħ id-demm sħun tal-bniedem (3), ma naqas qatt li jibgħat ma' tul il-medda twila taż-żmien bnedmin, kbar f'isimhom u f'għamilhom, sabiex bħal kewkba li tilma minn bejn is-sħab sewdieni li jdallam il-moħħ u jwebbes il-qalb, iwissu lill-bnedmin li ma għandhomx jitnikkru u jieqfu f'nofs triq, u b'hekk fil-belt fejn igħammar Alla jaslu meta x-xemx tkun laħqet għebet u d-dalma tkun satret il-ħolqien, meta bibien il-belt ikunu ntebqu u jibqgħu mitbuqa.

---

(1) Ittra ta' San Pawl lill-Lhud, XIII, 14.
(2) Matt. XVI, 26.
(3) Ġ. Aquilina: "Il-Biki tal-Bniedem".

Il-lum Ommna l-Knisja Mqaddsa sejħitilna biex inqimu qaddis li minn Alla kellu s-sejħa biex bħal xemx idawwal il-bnedmin, igħallimhom jagħtu l-ogħla siwi lill-aqwa ħwejjeġ, jurihom triq is-sewwa u l-ħajja, u jwissihom jimxu lejn l-"*Urbs Jerusalem beata—dicta pacis visio,—quae construitur in coelis—vivis ex lapidibus.*" (4). Dan il-għaref, dan il-qaddis, dan il-kbir hu San Tumas t'Akwinu.

Mhuwiex isem ġdid għalina. Ma hemmx belt kbira jew żgħira, ma hemmx għoljiet miksija bis-silġ jew maħruqin bix-xemx, ma hemmx xagħri bla tarf jew baħar bla qies fejn ismu ma nstamax jidwi, fejn leħnu ma heġġeġx għal ħwejjeġ kbar lis-sider qawwi (5), iżjed milli heġġeġ leħen il-qalbenin ta' Ateni rebbieħa f'witat Maratona. U l-foħrija li tawh il-ġnus hi akbar minn dik li ngħatat lill-qalbenin li fuq qabarhom inkiteb: "Int li għaddej minn quddiemna mur u għid lil Sparta li aħna mitna għall-liġijiet wisq meqjuma tagħha."

Ersqu lejh u ddawlu, żgħażagħ qalbenin, intom li miexja fit-triqat iebsa ta' ksib il-għerf. Ersqu lejh u ddawlu intom ilkoll li bikom għatx is-sewwa. Ersqu lejh u ddawlu intom ilkoll li ma tridux tiġġerrew bla ragħaj, ħalli f'belt Alla tkunu tistgħu tieħdu sehem mill-ferħ ta' l-Osanna, tkunu tistgħu tixxierku ma' l-oħrajn fil-għana ta' l-Alleluja. Ersqu lejh u ddawlu, u minn fommu isimgħu kif Alla hu għan ħajjet il-bniedem.

* * *

Ħarsu lejn San Tumas t'Akwinu tfajjel, bogħod mill-ħajja mgħaġġla ta' kastell il-kbarat t'Akwinu, miġbur fil-ħajja siekta u hiemda tal-monasteru ta' għoljiet Kassinu, b'ħarstu merfugħa lejn is-sema safi mnejn hemm "ileqqu bil-qtajja' — il-kwiekeb imdendla" (6). U mal-qawwa ta' din il-ħarsa, ħsiebu ttawwal bħalma tagħmel xitla, biex jixrob l-ewwel dawl li seta' jinżel minn dak l-iżraq bla qiegħ, minn dak il-wisa' bla truf (7).

Moħħ it-tfajjel ma waqafx meta ra l-ħajja, il-għerf, it-tjieba, il-qawwa u s-sbuħija, iżda tela' iżjed 'il fuq, niżel iżjed fil-qiegħ, meraħ iżjed fil-wisa', ħaddan iżjed beraħ, sakemm wasal biex sab il-bidu nnifsu tal-ħajja, tal-għerf, tat-tjieba, tal-qawwa u tas-sbuħija. U għalhekk staqsa: Min hu Alla?

(4) Officium in Anniv. Dedic. Ecclesiae.
(5) Ugo Foscolo: "L-Oqbra" (Trad. Dun Karm).
(6) Ġ. Muscat Azzopardi; "Fit-Tieqa".
(7) Dun Karm: "Il-Jien u lilhinn minnu".

Fit-thaddim bikri ta' dehnu fehem li jitqarraq il-bniedem meta jintilef f'henat il-ġisem u fi bluhitu jiftaħar li liebes il-ħarir (8), għaliex irid jew ma jridx, qalbu ma tistrieħx jekk mhux f'Alla (9). U għalhekk staqsa: Min hu Alla?

Għal din il-mistoqsija, nisthajjel li qaddej ta' Alla niżel jittajjar fuq ġwienaħ imdeħba għal ħdejn it-tfajjel u wassallu f'widnejh it-tweġiba li ngħatat lil Mosè, beżgħan quddiem id-dehra ta' għoljiet il-Horeb: Alla hu dak li minnu nnifsu hu li hu (10), fil-waqt li l-ħlejjaq huma dawk li mhumiex minnhom infushom dak li huma, iżda li għandhom 'l Alla l-kif u l-għala tagħhom(11).

San Tumas fehimha t-tweġiba. U kemm fehimha tajjeb saret tafu d-dinja mistagħġba, meta fl-aħħar ta' ħajtu xandar l-ewwel taqsima tas-*Summa Theologica* li bħal katidral gotku tiġbor fiha sbuħijiet l-arti u l-letteratura, il-fiżika u l-matematka, il-filosofija u t-teoloġija, il-għerf u t-twemmin.

San Tumas fehimha t-tweġiba. U kemm fehimha tajjeb issoktat tagħirfu d-dinja mistagħġba, meta xandar it-tieni taqsima tas-*Summa Theologica* li bħal f'Panteon tiġbor fiha għerf l-akkademji pagani u nsara, għerf Platun, Pitagora u Aristotli, għerf Seneka, Ċiċerun u Ġustinjan, għerf S. Ambroġ, S. Wistin u S. Ġlormu.

U mliehem minn dan il-għerf li kiseb ta' Alla, f'dawl Alla għaraf ukoll il-bniedem, u fehmu hekk tajjeb li bena darba għal dejjem, fuq sisien qawwija, il-filosofija nisranija tal-kultura.

Il-Filosfi ta' qabel S. Tumas, imdorrija fl-akkademja ta' Platun, xebbhu lill-bniedem ma' ruħ magħluqa f'ħabs il-ġisem, u għalhekk ħambqu kemm felħu biex iġagħlu 'l kulħadd jifhem li biex il-bniedem jilħaq il-għoli li għalih issawwar jeħtieġlu joħnoq kemm jista' ħtiġiet il-ġisem. San Tumas, imdorri fl-iskola ta' Aristotli, għallem li l-bniedem mhuwiex ruħ maqfula f'ħabs; hu, iva, tad-demm u l-laħam, għandu wkoll ħtiġiet il-ġisem, u madankollu bhima mhuwiex, ladarba huwa mogħni b'ruħ imżejna bid-dehen u r-rieda (12).

---

(8) G. Aquilina: "Miserere".

(9) S. Wistin: "Il-Qrariet—L-ewwel ktieb, Kap. 1 (Trad. V. Barbara O.P.

(10) Ktieb il-Ħruġ, III, 14.

(11) Dun Karm: "Il-Jien u lilhinn minnu".

(12) M. Grabmann: "La Filosofia della cultura secondo Tomaso d'Aquino", Cap. II (Trad. I. Marega O.P.).

Għalhekk San Tumas fehem u għallem li kobor il-bniedem qiegħed fili bla ma jeqred il-ġisem, iżda bla ma jassar ir-ruħ, jgħaqqad flimkien il-ħtiġiet tat-tnejn, irażżan ġibdietu ħżiena ħalli jagħni moħħu bil-għerf, u b'rieda qawwija daqs l-azzar, b'saħħitha daqs iż-żonqor, jieħu triq Alla, imqar jekk din it-triq tkun twila, tkun iebsa. B'hekk San Tumas, waqt li ħalla bla mittiefsa s-sisien tal-ħajja soprannaturali, sar l-ewwel, l-akbar, l-aqwa u l-ogħla umanista Nisrani li d-dinja qatt rat.

Meta f'lejla sabiħa tar-rebbiegħa mdawla minn qamar mimli u minn kwiekeb bla għadd, f'ħemda miksura biss mit-tektik ta' demmna f'qalbna (13), aħna nitgħaxxqu bi sbuħit is-sema u nħossu hemm li jgħollina 'l fuq, 'il fuq, u jġagħalna nifirdu l-beraħ biex ningħaqdu mal-ħlejjaq l-oħra li jgħammru qrib Alla, aħna għandna nġibu quddiem għajnejna li hemm qawwa li tiġbed dejjem il-kwiekeb lejn ix-xemx, u hemm qawwa oħra tbegħidhom mix-xemx. Jekk tirbaħ il-qawwa li tiġbidhom lejn ix-xemx, il-kwiekeb jinħarqu, jinqerdu u jintemmu, fil-waqt li jekk tegħleb il-qawwa li tbegħidhom mix-xemx, jinżgħu dijithom u jintilfu fil-baħħ. Għalhekk sbuħithom qiegħda fili jinżammu mliġġma miż-żewġ qawwiet (14).

Hekk ukoll f'tagħlim San Tumas, sbuħit il-bniedem mhix qiegħda fil-qawwa li biha l-ġisem jinġibed lejn l-art bla ma jqis lir-ruħ, lanqas fil-qawwa li biha r-ruħ tithenna bla ma tqis il-ġisem, iżda biss f'Sid il-ġisem u r-ruħ, Alla.

Meta fi ħsebijietu, f'xewqatu, fi kliemu u f'għamilu, il-bniedem ifittex lil dawlu u mħabbtu, Alla, il-qalb tiegħu, bħal mera bla nikta, bħal priżma, tasal biex tiġbor fiha sbuħit il-ħolqien: bjudet il-borra, ħmuret in-nar, sħanet ix-xagħri, dijet il-kwiekeb, ħlewwiet il-għasel, fwieħet is-sagħtar... (15).

Meta fi ħsebijietu, f'xewqatu, fi kliemu u f'għamilu, il-bniedem ifittex lil Alla, bidu u tmiem ta' kull maħluq, huwa jirbaħ ir-rwiefen qalila li jonfħu qerrieda fil-qlub (16), u bejn ruħu u ġismu jinseġ armonija sabiħa li tidwi ferrieħa bħall-għanja ħelwa li kull fil-għodu lil Sid il-ħajja jgħannu l-agħsafar.

---

(13) C. Mifsud Bonnici: "Alla! Alla!"

(14) **P. Galea O.P.**: "**Għan Ħajjet il-Bniedem**" ("**Għawdex**", 26 ta' **Mejju, 1946**).

(15) **P. Galea O.P.**: "**Tqanqil f'Qalb il-Bniedem**" ("**Il-Berqa**", 24 ta' **Diċembru, 19[illegible]**)

(16) **G. Delia S.J.**: "**Qatra ta' Nida**".

Meta titnissel din l-armonija, il-bniedem jasal biex isir personalità. Mhux il-personalità kif fehmuha Kant, Hume, Günther u Wolf, iżda l-personalità kif fehimha San Tumas, li biha l-bniedem isawwar fih innifsu x-xbiha t'Alla, isir sid ta' għamilu.

Meta, wara li nkunu ħlisna mill-jasar ta' għamilna, naslu biex inkunu sidien tiegħu, aħna nmaqdru qawwet is-swar, nidħku b'saħħet l-azzar u nirbħu ħruxit in-nar, bla ma nieqfu quddiem l-ebusija tal-qlub, bla ma nibżgħu mill-ħżunija tal-fehmiet, bla ma nitkexkxu minn għamil qarrieqi u qerriedi. Fina taqbad, tixgħel u tħeġġeġ iż-żgħużija li bi lwien sbieħ ġiet imfissra minn San Tumas fil-kommentarji tiegħu fuq l-Ethica Nicomachea; qalbna fi mħabbitha ma tiqafx għal ħin wieħed biss, iżda dejjem imħejjija biex iddewwi l-ġerħat u tfarraġ qlub oħra, hija tħabbat għal għajrha mingħajr waqfien, imqar jekk dan ikun jitlob minnha ċarċir demmna sa l-anqas qatra (17).

Biex bejn ruħna u ġisimna, bejn fehmet il-moħħ u tqanqil **il-qalb innisslu** l-armonija meħtieġa, biex f'għamilna nibnu x-xbiha t'Alla ħalli nsiru sidien ta' għamilna, jeħtieġ li ħajjitna tkun *motus creaturae rationalis in Deum*, kif għallem San Tumas; jeħtieġ nersqu lejn Alla.

U biex nersqu lejn Alla ħalli nsiru sidien ta' għamilna, mhux biżżejjed li nagħirfu 'l Alla, bħalma biex nitilgħu fuq għolja minn fejn nistgħu nitgħaxxqu bi tiegħ jew inżul ix-xemx mhux biżżejjed li nħarsu lejn il-quċċata, iżda jeħtieġ li nħallu warajna l-ħamba tat-triqat, u mqabbdin issa ma' blata u issa ma' oħra, mingħajr ma nqisu t-tbatija, nixxabbtu 'l fuq, aktar 'il fuq, sakemm naslu fuq il-quċċata minn fejn ħarsitna tkun tista' tilmaħ dehra ta' sbuħija li ma bħalha li qabel ma konniex nafu biha.

Biex nitilgħu fuq il-quċċata tal-Qdusija Nisranija, fejn insibu l-ħarsien mill-jasar ta' ġibdiet bla mrażżna, fejn taħt ittmexxija t'Alla nnifsu niksbu l-jedd ta' sidien fuq għamilna, jeħtiġilna naħdmu, inħabirku u nissieltu, għaliex ħajjet il-bniedem fuq l-art, f'mixjitu lejn il-belt li fiha jgħammar Alla, hija taqtigħa, hija ġlieda (18). Ma hix taqtigħa għal rebħ artijiet, ma hix taqtigħa għal ħakma fuq ġnus, iżda taqtigħa għall-ħelsien tagħna nfusna, ġlieda għar-rebħ fuqna nfusna.

Bosta jaqtgħu qalbhom minn din it-taqtigħa, u minnflok li

(17) P. Galea O.P.: "Għal Alla u għal Malta" ("Il-Berqa", 14 ta' Novembru, 1939).

(18) Ktieb ta' Job, VII, 1.

jfittxu biex imutu ħielsa, jibqgħu jgħixu mjassra. Ħafna ma jidħlux għal din il-ġlieda, minnflok sidien ta' għamilhom jisfgħu rsiera ta' ġibdiethom qalila. Nafu b'uħud li bi kliemhom saħħru ġnus, b'qawwet sejfhom ħakmu artijiet, iżda ma kellhomx ħila jirbħu lilhom infushom; u għalhekk dawn, fil-ġlieda għall-ħajja, ma jistgħux igħidu li ħarġu rebbieħa, ma jistgħux jiftaħru li ħallew wirt ta' mħabba jew jithennew fis-serħan ta' qabarhom kiesaħ li jibqa' bla ma qatt iħoss taqa' fuq ir-rħama li tgħattih xi demgħa sħuna ta' mħabba dejjiema.

Joħroġ rebbieħ f'din it-taqbida min ma jxabbax lil ġismu u jassar lil ruħu, min ma jfittexx biss jeddijietu bla ma jaqdi dmirijietu. Joħroġ rebbieħ f'din il-ġlieda min jissara tajjeb u jħares twemminu (19), bla ma jitwerwer mill-għedewwa, bla ma jitkexkex mit-tbatija, bla ma jaħrab mill-mewt.

San Tumas t'Akwinu għallimna nissieltu tajjeb. Alla riedu jħalli l-għana ta' niesu u l-foħrija ta' nislu, u bagħtu jaħdem fil-għalqa dumnikana. Bħal Sawl fi triq Damasku, San Tumas iwieġeb minnufih għal sejħet Alla, iżda niesu riedu jfixkluh. Mhux biss qafluh fil-ħabs tat-torri ta' San Ġwann, iżda bagħtulu wkoll mara ħażina biex twaqqgħu fid-dnub.

Iżda ż-żagħżugħ kien ġa fehem li l-foħrija ma hix ħlief dell ta' ħolma qarrieqa, li l-ħakma ma hiex ħlief diwi ta' żarżara f'wied (20); hu ma ħamelx jiġġarraf fit-tajn ta' taħt is-saqajn, ma setax jisma' daħk l-inkejja jċarrat tambur widnejh, ma riedx jara ruħ ħażina tgħajbu minn wara. Għalhekk b'għuda mqabbda li malajr sab, werwer, ħarrab u rebaħ lil dik il-mara ħażina, serp ta' Babel (21), u magħha għattab qawwiet id-dlamijiet.

Fil-ħabs tat-torri ta' San Ġwann ma berraqx xrar minn elmijiet u xwabel imsielta ma' xulxin (22), bħal meta Goffred ta' Buljon feda qabar Kristu, iżda berraq dawl il-grazzja t'Alla li bih San Tumas, imsaħħaħ aqwa minn b'kisi ta' l-azzar, ħeles lil ġismu mit-tniġġis u żammu safi bħalma jixraq 'l-għamara ta' Ruħ il-Qodos (23). U jekk il-għannej ta' Mantwa kellu għalfejn ifaħħar l-"*insignem pietate virum*" li minn Troja daħal fil-Lazju, bi dmir akbar, kif intemmet it-taqtigħa tat-torri ta' San Ġwann,

---

(19) Ittra ta' San Pawl lil Timotju, IV, 7.
(20) G. **Carducci**: "La Chiesa di Polenta".
(21) **Ġ. Aquilina**: "Miserere".
(22) **Ugo**. Foscolo: "L-Oqbra" (Trad. Dun Karm).
(23) I Ittra ta' San **Pawl** lil Korinti, III, 16; VI, 19.

leħen żarżari tal-fidda minn għoli s-smewwiet nisthajjel li għanna: *Exivit vincens ut vinceret* (24).

Kif ħareġ rebbieħ mit-taqtigħa, ir-rebbieħ niżel għarkobbtejh, u bil-għuda mqabbda ħażżeż ma' ħitan il-ħabs il-għelma tas-salib imqaddes, għelma ta' rebħa, tama u sliem.

Meta Alla hu dak li f'Ismu aħna nissieltu u niġġieldu, imqar f'lejla l-aktar mudlama, waqt irwiefen li jridu jibilgħu l-art, f'nofs mewġiet li jirkbu waħda fuq l-oħra b'saħħa li dejjem tibqa' tiżdied, b'qilla li dejjem iżjed tiħrax, aħna jkollna kewkba 'l fejn inħarsu, u nkunu nafu 'l fejn għandna naqdfu; iżda dawk li ma jissiltux u ma jiġġildux f'Isem il-Mulej huma bħal dgħajsa maħkuma minn ħalel il-baħar, issa togħla u issa tinżel, issa tinkiser ma' hawn u issa titfarrak ma' hemm, issa titlef moqdief u issa ieħor. Huma rsiera u mhux sidien ta' ġibdiethom.

Biex ma tisfgħux irsiera tagħkom infuskom fit-taqtigħa għall-ħajja, żgħażagħ għeżież, ħudu f'idejkom is-*Summa Theologica*, u tkunu hienja aktar minn sultan riekeb fuq żiemel abjad, b'sejf ta' l-avorju msielet f'idejh.

Iftħu mhux biss it-trattat "De Passionibus" biex ikollkom it-tagħrif psikoloġiku meħtieġ halli tifhmu l-biża' ta' Pater Latinus fi ħruq xagħar bintu Lavinja u l-qsim ta' qalb Alċjone fil-għarqa tal-għarus tagħha, u swied qalb il-Prinċep tad-Danimarka, li bi lwien ħajja tpinġew minn Virġilju, Ovidju u Shakespeare; iżda iftħu wkoll it-trattati fuq il-misteri tad-dikrieti t'Alla u tal-libertà tal-bniedem. U meta tmorru fis-sema, magħqudin mal-għorrief kbar li ħarġu mill-iskejjel Tomistiċi, wara li tgħannu l-għanja tal-fidwa, tal-maħfra u ta' l-imħabba (25), idduru lejn il-Protettur ta' l-Iskejjel Kattoliċi kollha u tgħidulu: *Sicut audivimus sic vidimus in civitate Domini* (26).

P. GALEA, O.P.

---

(24) Apokal. VI, 2.

(25) P. Galea O.P.: "Quddiem Salib il-Feddej" ("Il-Berqa" 10 ta' April, 1941).

(26) Salm XLVII, 9.